MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 757/2012

**Top 3 Travel Ltd (C-38760)
Vs
Golden Travel Club Ltd (C-33107)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas fl-ammont ta’ elfejn, seba’ mija u sittin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€2760,53), bilanc ta’ somma akbar dovuta lis-socjeta’ attrici, rapprezentanti l-import ta’ prezz ta’ diversi servizzi (kummercjali) debitament mibjugha lis-socjeta’ konvenuta, u dana fuq inkarigu taghha stess, kif jirrizulta iktar car mill-prospett li qieghed jigi anness u mmarkat ‘Dok A’;  is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet dovuti fuq l-import tal-fatturi elenkati fl-istess prospett ‘Dok A’ mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas kif ukoll l-ispejjez tal-kawza odjerna u dawk tal-ittra legali ufficjali bin-numru ta’ referenza 2320/2012 u l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 2785/2012 kontra s-socjeta’

konvenuta li qieghda minn issa stess ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl- 15 ta’ Jannar, 2011 mill-Avukat Sarah Tua u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ elfejn, seba’ mija u sittin ewro u tlieta u hamsin centezmu (€2760,53) u dan bl-imghaxijiet dovuti fuq l-import tal-fatturi elenkati fl-istess prospett ‘Dok A’ mid-data tal-fatturi relattivi sal-hlas. It-Tribunal qed ukoll jikkundanna lis-Socjeta konvenuta ghall- hlas ta’ l-ispejjez tal-kawza odjerna u dawk tal-ittra legali ufficjali bin-numru ta’ referenza 2320/2012 u l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 2785/2012 kontra s-socjeta’ konvenuta mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------